# *Birkirkara u l-Parroċċi tagħha*

Jikteb Sq.Clifford Galea O.S.J.B.A(Hons) History, PGCE, Dip.LCM

Bi pjaċir kbir għalija insellmilkom permezz tal-kitba tiegħi għall-ewwel darba f'dan il-ktieb għal żmien il-festa ad unur il-kbira patruna tagħna Santa Liena.

Ġmielu jitkellem waħdu! Birkirkara huwa l-akbar raħal ta' Malta b'popolazzjoni ta' kważi 25,000 ruħ, u dawn in-nies huma kollha maqsumin f'ħames parroċċi. Parroċċi li nsibu f'Birkirkara huma il-Bażilika ta' Santa Elena, San Ġużepp Ħaddiem, Santa Marija, Tal-Karmnu Fleur de Lys u dik riċenti tas-Swatar li hi ddedikata lil Marija Omm il-Knisja.

Il-parroċċa ta' Santa Elena hija waħda mill-ewwel parroċċi ta' Malta li kienet parroċċa qabel is-sena 1402. Il-festa ta' Sant' Elena tiġi ċċelebrata Ħadd fuq it-18 ta' Awissu ta' kull sena. Knejjes oħra li jagħtu servizz fil-parroċċa huma tal-Madonna tal-Ħerba, tal-Vitorja, Santu Rokku, San Pawl, San Franġisk, Frate Francesco, l-Oratorju ta' San Domenico Savio, il-mużew tas-Subien u l-Knisja tan-naħa tal-'Qattus'.

Il-parroċċa ta' Santa Marija saret parroċca fil-25 ta' Marzu 1992 wara li nqatgħet minn parroċċa oħra Karkariża. Fil-fatt ġiet iddikjarata bit-titlu ta' parroċċa mill-Isqof ta' Malta l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Il-kappella ta' San Alwiġi b'hekk saret tagħmel ma din il-Knisja parrokkjali.

Il-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, li l-festa tagħha tiġi ccelebrata fl-1 ta' Mejju, saret parroċċa fil-festa pubblika ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu 1973. Qabel il-parruċċani kienu jinqdew fil-parroċċa ta' Sant' Elena, iżda l-Isqof Mikiel Gonzi, waqqfilhom parroċca għalihom. Knisja oħra li tagħmel ma' din il-parroċċa hija s-Santwarju ta' Santa Tereża tal-Bambin Gesu.

Parroċċa oħra li tinsab fil-konfini ta' Birkirkara hi dik ta' Fleur de Lys bit-titlu tal-Madonna tal-Karmnu. Qabel ma Fleur de Lys sar parroċċa għalih fit-18 ta' Jannar tal-1976, kien jagħmel mal-parroċċa ta' Santa Venera li tinsab fil-lokalita' ta' l-istess isem tal-qaddisa. Din il-Knisja ħadet it-titlu ta' parroċċa mill-Isqof Mikiel Gonzi. B'hekk nistgħu ngħidu li l-Isqof Mikiel Gonzi waqqaf żewġ parroċċi f'dan ir-raħal f'temp ta' sentejn.

Kulmeta wieħed jirrifletti fuq Birkirkara jew isemmi ismha awtomatikament ikun qed isemmi post pittoresk Malti li kulħadd jaf kemm hu mogħni bi storja u ġieħ. Nixtieq nikteb aktar imma ovvjament l-ispazju ma jippermettix. Ser nieqaf hawn. Filwaqt li nsellmikom għal darb'oħra, minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.